**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1696/21**

**Opera International Business Limited (C73445)**

**vs**

**Norman Spiteri u Maria *sive* Mireille Spiteri Manara**

**Illum 18 ta' Jannar 2022**

**Wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ta' Opera International Business Limited (C73445) datat 16 ta' Novembru, 2021, ir-risposta ta' Norman Spiteri datata 17 ta' Dicembru, 2021 u tal-intimata Maria Spiteri Manara datata 7 ta' Jannar, 2022;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Opera International Business Limited li permezz tieghu talbet li sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha izzomm lill-intimati milli:

(1) Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament,bhala rapprezentanti u/jew diretturi u/jew azzjonjisti tal-kumpaniji "Town Properties Limited"C-10165 u "Junior Investments Limited C-3717,

jipotekaw, ibieghu, inehhu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponu minn kwalunkwe assi tal-istess kumpaniji, mobbli jew immobbli, inkluz b'titolu oneruz u/jew ratuwitu, bl-ghan illi jizvestuhom mill assi taghhom;

(2) Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalmentjew tramite terzi, direttament jew indirettament, bhala diretturi u/jew azzjonjisti tal-kumpaniji "Town Properties Limited" C-10165 u "Junior Investments Limited C-3717;

jipotekaw, ibieghu, inehhu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponu minn l-ismha registrati f'isimhom fl-istess kumpaniji, inkluz b'titolu oneruz u/jew gratuwitu, li ghandhom fl-istess kumpaniji jew jaghtu kwalunkwe struzzjoni li twassal ghal istrale tal-istess kumpaniji;

(3) Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament bhala diretturi u/jew azzjonjisti tal-kumpaniji "Town Properties Limited" C-10165 u "Junior Investments Limited" C-3717

iaghtu 1-kunsens taghhom bil-mod mahsub mill-Ligi u fl-istatut (Memorandum and Articles of Association) ghal zieda fil-kapital azzjonarju mahrug ossija issued share capital tal-istess socjetajiet u kif ukoll milli jaghtu l-kunsens taghhom bil-mod mahsub mill-Ligi u fl-istatut (Memorandum and Articles of Association) ghall-allokazzjoni ossija sottosrkizzjoni ta' ismha odda lill-terzi inkluzi l-azzjonisti kollha tas-socjetajiet "Town Properties Limited" C-10165 u "Junior Investments Limited C-3717;

u dan ghar-ragunijiet kif esposti fil-paragrafi 1. Sa 21. tal-istess rikors;

Principalment is-socjeta' rikorrenti qed issostni li rizultat ta' frodi da parti tal-intimat Norman Spiteri hija giet indotta tidhol f'kuntratti ta' mijiet ta' eluf mas-socjeta' Daha Oils and Gas Ltd. wara li l-intimat Norman Spiteri kien prezenta ruhu bhala l-uniku Direttur u l-uniku azzjonista tal-istess socjeta'. Irrizulta wara, lis-socjeta' rikorrenti, li Norman Spiteri kien effettivament irrizenja min direttur jiem qabel ma sehh il-ftehim bejn is-socjeta' rikorrenti u Daha Oils and Gas Ltd u wkoll li ma kienx ghadu azzjonista tal-istess kumpanija. Is-socjeta' rikorrenti tinsisti wkoll li dan kollu sar not lill-pubbliku wara l-ftehim tal-1 ta' Novembru, 2017 u ghalhekk ma kellhiex mod kif tkun taf filwaqt li ssostni li dan jevidenzja li l-agir tal-intimat Spiteri kien intenzjonat u in mala fede. Issostni wkoll li fl-istess eventi kien hemm ftehim verbali bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimati Spiteri qua direttur tas-Socjeta' Daha Oils and Gas Ltd. li konsegwentement ma setax jigi nfurzat. Ir-rikorrenti ghalhekk issostni li konsegwenza tal-agir tal-intimati, cioe inkluz mart Norman Spiteri l-intimata Maria Spiteri Manara, hija soffriet danni sostanzjali. Tikkonkludi billi tissottometti li sar ukoll rapport mal-Pulziija dwar l-akkadut.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors inkluz il-kopja tar-rikors guramentat fil-konfront tal-intimati, kuntratti, skritturi, fatturi u l-kwerela.

Rat ir-risposta ta' Norman Spiteri datata 17 ta' Dicembru, 2021 li ghar-ragunijiet kif esposti fosthom li t-talba ghall-mandat fil-konfront tieghu personali ma jistax iregi talab li l-Qorti tichad it-talba. Hu jirrispondi ulterjoment li s-socjeta' rikorrenti ghandha l-jedd li tinsisti li l-ftehim mad-Daha Oils and Gas Ltd. jigi infurzat izda mhux fil-konfront tieghu personali. In oltre jzid li xejn fil-ligi ma jzommu milli jiddisponi minn ishma proprjeta' tieghu. Jinsisti li fl-atti ma ttiehdu l-ebda proceduri fil-konfront ta' Daha Oils and Gas Limited u kif l-atti huma diretti lejh personalment it-talba hija vessatorja u b'abbuz tal-process gudizzjarju u ghalhekk talab li din il-Qorti tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat de quo.

Rat l-estratt mir-'registered documents' tas-Socjeta' rikorrenti esebit mill-istess intimat.

Rat ir-risposta ta' Maria sive Mireille Spiteri datata 7 ta' Jannar, 2022 fejn enfasizzat li hija ma ghandha x'taqsam xejn ma' dak allegat tant li fl-istess rikors hija ma tissemma mkien. Tinsisti li ma jezisti l-ebda ness fil-konfront taghha. Izzid ukoll li jonqos in-ness bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjetajiet Town Properties Limtied u Junior Investments Limited indikati fir-rikors ghall-hrug tal-mandat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2022.

Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti kkonferma li l-intimata Maria Spiteri Manara giet imharrka bhala mart l-intimat u xejn aktar.

**Ikkunsidrat;**

Illi s-socjeta' rikorrenti tallega li sofriet danni konsegwenza tal-agir tal-intimat Norman Spiteri u dan wara li hija dahlet fi ftehim mas-socjeta' Daha Oils & Gas Limited. fejn l-intimat agixxa fil-vesti ta' direttur u azzjonista tal-istess f'dati fejn ma kienx ghadu jgorr dawk il-vesti.

Il-Qorti izda mill-atti ma rrizultalha minn imkien l-icken prova, lanqas sa stadju ta' prima facie, ghalfejn is-socjeta' rikorrenti qed issostni li sofriet danni u dan ghaliex imkien ma gie ndikat lil din il-Qorti jekk is-socjeta' Daha Oils & Gas Limited hux qed tagixxi b'tali mod li mhux qed tirrispetta l-ftehim milhuq! Kieku kien il-kaz il-Qorti tqis li allura kellha tigi ntimata wkoll is-socjeta' Daha Oils & Gas Limited flimkien mal-intimat Spiteri.

Illi din il-Qorti, rizultat tan-nebolozita` li tirrenja fir-rikors tar-rikorrenti, fin-nuqqas ta' ndikazzjoni ta x'suppost danni qed issofri s-socjeta' rikorrenti u kif

dawn jorbtu lill-intimat Norman Spiteri personalment, fin-nuqqas ta' ndikazzjoni tal-valur approssimattiv tad-danni allegatament sofferti u wkoll nuqqas car ta' ness bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjetajiet indikati fir-rikors, tqis li s-socjeta' rikorrenti naqset milli tressaq il-prova prima facie li tirrikjedi l-ligi sabiex din il-Qorti tkun tista' tghaddi sabiex tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad it-talba.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti, filwaqt li tirrevoka d-digriet provvizorju taghha datat 16 ta' Novembru, 2021, tghaddi sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1696/21.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti.**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**